MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2005

Rikors Numru. 75/2004/1

Carmela armla ta' Carmelo Vento u wliedha Victor, Raphael, Lorenza mart Emanuel Peresso u Frances mart Saviour Mangion ahwa Vento

-vs-

Vs Raymond u Antonia sive' Tania Parascandolo

Il- Bord,

Ra r- rikors ta' Carmela Vento et fejn tesponi b' rispett:

Illi l- esponenti jikru lill- intimati l- hanut 66, Triq Hilda Tabone, Birgu, bil- kera ta' hamsin lira (Lm 50 fis- sena, hlas kull sena bil- quddiem, l- iskadenza li jmiss tkun dovuta fl- 1 ta' Jannar 2005.

Illi a tenur tal- Art. 14 (1) u (2) tal- Kap. 69 tal- Ligijiet ta' Malta, l- esponenti, permezz ta' ittra ufficjali tad- 9 ta' Lulju 2004 (Dok. A) gharrfu lill- intimti li b' effett mill- iskadenza tal- 1 ta' Jannar 2005 il- kera annwa tal- fond fuq riferit kienet se tizdied ghal mitt lira (Lm 100).

Illi l- intimati baqghu ma kkontestawx il- pretenzjoni tal- esponenti bil- procedura prevista mill- Art. 14(2) tal- Kap. 69 tal- Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l- esponenti jitolbu bir- rispett illi dan il- Bord joghgbu jiffissa l- kera tal- hanut 66, Triq Hilda Tabone, Birgu, bl- ammont ta' mitt lira (Lm 100) fis- sena, hlas bil- quddiem, b' effett mill- iskadenza tal- 1 ta' Jannar 2005.

Ra li l- intimati opponew it- talba.

Ra d- digreit tieghu tad- 9 ta' Dicembru 2004 li bih gew mahtura periti teknici l- AIC Frederick Valentino u l- AIC John Sciberras li kienut ukoll mahtura periti fir- rikorks 74/2004 fl- ismijiet bil- maqlub.

Ra l- vebal tal- 25 ta' Mejju 2005.

Ikkunsidra,

1. F' dan ir- rikors suppost li giet segwita l- procedura msemmija fl- art. 14(2) tal- Kap. 69; is- sid b' ittra ufficjali 'jgharraf lil kerrej' dwar il- massimu li jrid bhala kera. Jekk il- kerrej jopponi ghandu jghamel rikors. Dan fil- kazi fejn il- kera tkun aktar minn Lm 40 fis- sena. Il- ligi ma tghidx xi zmien ghandu l- kerrej biex iwiegeb. Il- legislatur kellu 'lapsus' li qatt ma gie rrangat kif ma gewx, u messhom gew imsewwija partijiet ohra tal- ligi. F' kaz li l- kerrej ma jwegibx trid issir procedura quddiem il- Qrati Ordinarji li jaghtu zmien biex isir ir- rikors. F' dan il- kaz is- sidien, fejn il- kera attwali hi Lm 50, ghamlu r- rikors huma wara li baghtu ittra ufficjali. Fit- tieni paragrafu tar- rikors jissemmaw is- subincizi (1) u (2) tal- Kap 69 flimkien. Il- procedura hi ta' ordni pubbliku u l- Bord billi r- rikorrenti ma mxewx maghha jiddikjara r- rikors irritu u null, l- ispejjez jithallsu mir- rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------